Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Jannar 2015**
**(OR. en)**

**5112/15**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0009 (COD)**

**ECOFIN 11**
**CODEC 19**
**POLGEN 5**
**COMPET 8**
**RECH 2**
**ENER 6**
**TRANS 9**
**ENV 7**
**EDUC 4**
**SOC 5**
**EMPL 3**
**EF 5**
**AGRI 14**
**TELECOM 7**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Jannar 2015 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2015) 10 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 10 final.

---

Mehmuż: COM(2015) 10 final

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Strasburgu, 13.1.2015
COM(2015) 10 final

2015/0009 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-livell ta' investiment fl-UE naqas b'madwar 15 % mill-massimu tiegħu fl-2007. Il-livell kurrenti huwa ħafna inqas minn dak li kienu jimplikaw ix-xejriet storiċi u – fin-nuqqas ta' azzjoni – il-projezzjonijiet jindikaw effett rebound parzjali biss matul is-snin li ġejjin. Bħala riżultat ta' dan qed jixxekklu l-irkupru ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir fuq terminu twil u l-kompetittività. Din il-lakuna fl-investiment qed tippreżenta riskji biex jintlaħqu l-miri stabbiliti mill-Istrateġija Ewropa 2020. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea fil-Linji Gwida Politiċi tiegħu għall-Kummissjoni 2014-2019 għaldaqstant identifika din il-kwistjoni bħala sfida politika kruċjali, l-istess kif għamel il-Kunsill Ewropew fit-18 ta' Diċembru 2014 (EUCO 237/14) kif ukoll is-Samit tal-Mexxejja tal-Grupp tal-Għoxrin fil-15-16 ta' Novembru 2014.

Inċertezza ġenerali dwar il-qagħda ekonomika, livelli għoljin ta' dejn pubbliku u privat f'partijiet tal-ekonomija tal-UE u l-impatt tagħhom fuq ir-riskju tal-kreditu jillimitaw il-lok għall-immanuvrar. Madankollu, jeżistu livelli sinifikanti ta' tfaddil u livelli għolja ta' likwidità finanzjarja. Barra minn hekk, stħarriġ aktar reċenti immexxi b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Istati Membri tal-UE kkonferma li għad hemm għadd sinifikanti tal-proġetti ta' investiment vijabbli mhux iffinanzjati.

Fuq dan l-isfond, fil-Komunikazzjoni tagħha "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa", ippubblikat fis-26 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni pproponiet inizjattiva fil-livell tal-UE biex tindirizza din il-kwistjoni. Il-Pjan huwa bbażat fuq tliet approċċi li jsaħħu lil xulxin. L-ewwel, il-mobilizzazzjoni ta' mill-inqas EUR 315-il biljun f'investiment addizzjonali matul it-tliet snin li ġejjin, li jimmassimizza l-impatt tar-riżorsi pubbliċi u jillibera l-investiment privat. It-tieni, inizjattivi mmirati sabiex ikun żgurat li din iż-żieda fl-investiment tkun tissodisfa l-ħtiġijiet tal-ekonomija reali. U t-tielet, miżuri biex jipprovdu għal prevedibbiltà regolatorja akbar u biex iwarrbu l-ostakoli għall-investiment, biex b'hekk l-Ewropa ssir aktar attraenti u għaldaqstant jiġi mmultiplikat l-impatt tal-Pjan.

Il-proposta toħloq il-qafas legali neċessarju u tipprovdi l-allokazzjonijiet baġitarji għall-ewwel żewġ approċċi tal-Pjan fil-qafas tal-ordni ġuridiku tal-UE. Ladarba r-regolament propost jiġi adottat, jiġi implimentat b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), bħala sħab strateġiċi, bl-objettiv ċar li jimmobilizzaw lill-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha. Rigward it-tielet approċċ tal-Pjan ta' Investiment li jikkonċerna l-ambjent regolatorju u t-tneħħija tal-ostakoli għall-investiment, il-Kummissjoni stabbiliet l-ewwel sett ta' azzjonijiet fil-Programm ta' Ħidma tagħha, adottat fis-16 ta' Diċembru 2014 (COM(2014) 910). Il-Kummissjoni se taħdem ukoll flimkien mal-Istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u mal-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew sa fejn jikkonċerna dawn il-kwistjonijiet.

Minħabba r-rwol kruċjali li għandhom l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-ekonomija tal-UE, speċjalment f'dak li huwa l-ħolqien tal-impjiegi, huma se jkunu benefiċjarju ewlieni tas-sostenn mogħti b'ambitu ta' din il-proposta.

F'dan il-qasam ukoll, id-disinn u l-karatteristiċi ta' dawn il-mekkaniżmi huma bbażati fuq esperjenza eżistenti fir-rigward ta' strumenti finanzjarji innovattivi mħaddma b'mod konġunt bejn l-UE u l-Grupp tal-BEI.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-President Juncker ippreżenta l-Pjan ta' Investiment lill-Parlament Ewropew fis-26 ta' Novembru. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Investiment ġie approvat mill-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lil-leġiżlaturi tal-UE biex sa Ġunju jaqblu fuq it-test legali meħtieġ, biex b'hekk l-investimenti l-ġodda jkunu jistgħu jiġu attivati sa minn nofs l-2015.

Il-kunċetti legali, ekonomiċi u finanzjarji li jirfdu din il-proposta ġew diskussi b'mod estensiv mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u b'mod informali ma' rappreżentanti tas-settur pubbliku u privat. Partijiet ikkonċernati mis-settur privat enfasizzaw b'mod partikolari l-importanza ta' kriterji ta' kwalità robusta u ta' selezzjoni indipendenti ta' proġetti li jistgħu jiġu appoġġati mill-Pjan. B'mod aktar speċifiku, kien rakkomandat li l-proġetti għandhom ikunu (1) ekonomikament vijabbli bl-appoġġ tal-inizjattiva, (2) maturi biżżejjed biex jiġu evalwati fuq bażi globali jew lokali, (3) ta' valur miżjud Ewropew u konsistenti mal-prijoritajiet tal-politika tal-UE (bħal, ngħidu aħna, il-pakkett dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, l-Istrateġija Ewropa 2020 u prijoritajiet strateġiċi oħra tal-UE fit-terminu twil). Barra minn hekk, il-proġetti ma għandhomx ikunu limitati għal proġetti transfruntieri (bħal fil-każ tal-proġetti TENT-T u TEN-E).

Il-Kummissjoni wkoll kisbet għarfien importanti mill-involviment tagħha fit-Task Force Speċjali dwar l-Investiment fl-UE. L-objettiv ġenerali tat-Task Force kien li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-ħtiġijiet ewlenin tal-investiment; tanalizza l-ostakoli u l-konġestjonijiet prinċipali għall-investiment; tipproponi soluzzjonijiet prattiċi għal dawk l-ostakoli u konġestjonijiet; tidentifika investimenti strateġiċi b'valur miżjud tal-UE li huma fattibbli fit-terminu qasir; u tagħmel rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti kredibbli u trasparenti għat-terminu medju u fit-tul. Dan ix-xogħol ġie kkunsidrat għall-proposta kurrenti.

Ir-rapport finali tat-Task Force huwa disponibbli fuq il-websajt segwenti:
http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-investment/plan/docs/special-task-force-report-on-investment-in-the-eu_en.pdf

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-bażijiet ġuridiċi għal din il-proposta huma l-Artikoli 172, 173, 175(3) u l-Artikolu 182(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. din il-proposta tistipula l-qafas legali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-ewwel żewġ approċċi tal-"Pjan ta' Investiment għall-Ewropa".

B'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità stipulati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għaldaqstant jintlaħqu aħjar mill-UE. Minħabba d-disparitajiet li jezistu fil-kapaċità fiskali tal-Istati Membri biex jaġixxu, azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tikseb aħjar l-objettivi segwiti, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha. B'mod aktar speċifiku, l-inizjattiva se tipprovdi għal ekonomiji ta' skala fl-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi billi jiġi katalizzat investiment privat fl-UE kollha u jsir l-aħjar użu mill-Istituzzjonijiet Ewropej u l-kompetenzi u l-għarfien tagħhom għal dak il-għan. L-effett multiplikatur u l-impatt fil-post għaldaqstant se jkun ħafna akbar minn dak milħuq minn inizjattiva ta' investiment fi Stat Membru waħdu jew Grupp ta' Stati Membri. Is-Suq Uniku tal-Unjoni, flimkien mal-fatt li mhu se jkun hemm l-ebda allokazzjoni għal proġett li hu

speċifiku għal pajjiż jew għal settur, se jipprovdu attrattiva akbar għall-investituri u inqas riskji aggregati. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi segwiti.

*3.1. Il-ħolqien ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u l-Istabbiliment ta' Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Finanzjarju (l-Artikoli 1-3)*

L-Artikolu 1 tal-proposta jawtorizza lill-Kummissjoni biex tikkonkludi mal-BEI ftehim dwar l-istabbiliment tal-"Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi" (FEIS) biex jappoġġa l-investimenti fl-Unjoni u jiżgura li jiżdied l-aċċess għall-finanzjament għal kumpaniji li b'aktar minn 3000 impjegat, b'attenzjoni partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, billi jagħti lill-BEI il-kapaċità ta' ġarr ta' riskju. L-Artikolu 2 tal-proposta jistabbilixxi li din il-garanzija tal-UE trid tiġi allokata lil operazzjonijiet ta' investiment speċifiċi ta' finanzjament mill-BEI permezz tal-FEIS.

L-użu tal-garanzija tal-UE lill-FEIS għandu jkun suġġett għall-istrutturi ta' governanza ddeterminati fiha. Notevolment, il-FEIS ikollu Bord ta' Tmexxija (l-Artikolu 3), li jiddetermina l-orjentament strateġiku, l-allokazzjoni strateġika tal-assi u l-politiki u l-proċeduri operattivi, inkluż il-politika ta' investiment ta' proġetti li jista' jkollhom is-sostenn tal-FEIS u l-profil ta' riskju tal-FEIS. Kumitat tal-Investiment, li jikkonsisti minn professjonisti indipendenti, ikun responsabbli biex jeżamina operazzjonijiet potenzjali u japprova l-appoġġ għal operazzjonijiet irrispettivament mill- post fejn jinsab il-proġett ikkonċernat.

Il-Membri tal-Bord ta' Tmexxija jinħatru mill-kontributuri tal-kapaċita tal-ġarr tar-riskju bis-saħħa tal-vot proporzjonata għad-daqs tal-kontribuzzjonijiet. Sakemm l-uniċi kontributuri għall-FEIS ikunu l-Unjoni u l-BEI, l-għadd ta' membri u voti fil-Bord ta' Tmexxija jkun allokat abbażi tad-daqs rispettiv tal-kontribuzzjonijiet fil-forma ta' flus jew garanziji u d-deċiżjonijiet kollha jittieħdu permezz tal-kunsens..

Meta partijiet oħra jaċċedu għall-Ftehim tal-FEIS, l-għadd ta' membri u voti fil-Bord ta' Tmexxija jkun allokat abbażi tad-daqs rispettiv tal-kontribuzzjonijiet mill-kontributuri fil-forma ta' flus jew garanziji. L-għadd ta' membri u voti tal-Kummissjoni u l-BEI, jiġi kkalkulat mill-ġdid skont dan. Il-Bord ta' Tmexxija jfittex li jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' kunsens. Jekk il-Bord ta' Tmexxija ma jkunx jista' jiddeċiedi permezz ta' kunsens fi żmien skadenza stabbilita mill-President, il-Bord ta' Tmexxija jiddeċiedi abbażi ta' maġġoranza sempliċi. Ebda deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija ma tiġi adottata jekk il-Kummissjoni jew il-BEI jivvotaw kontriha.

Il-Membri tal-Kumitat tal-Investiment ikunu jikkonsistu minn sitt esperti tas-suq indipendenti u Direttur Amministrattiv. Id-Direttur Amministrattiv ikun assistit minn Deputat Direttur Amministrattiv. Id-Direttur Amministrattiv iħejji u jmexxi l-laqgħat tal-Kumitat tal-Investiment. Id-deċiżjonijiet fiż-żewġ naħat jittieħdu minn maġġoranza sempliċi, iżda fil-Bord ta' Tmexxija, wieħed ifittex il-kunsens. Il-proġetti se jintgħażlu fuq il-meriti tagħhom, mingħajr kwalunkwe allokazzjoni settorjali jew ġeografika prestabbilita sabiex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-Fond. Il-FEIS se jkollu wkoll il-possibbiltà li jiffinanzja flimkien mal-Istati Membri u l-investituri privati pjattaformi ta' investiment fil-livell nazzjonali, reġjonali jew settorjali.

Apparti dispożizzjonijiet speċifiċi oħra li jirregolaw il-ħolqien, l-attivitajiet u l-governanza tal-FEIS, il-Ftehim FEIS jistabbilixxi wkoll Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Finanzjarja (EIAH, l-Artikolu 2(2)). Filwaqt li jibni fuq servizzi ta' konsulenza tal-BEI u tal-

Kummissjoni, l-EIAH jipprovdi appoġġ ta' konsulenza għall-identifikazzjoni, il-preparazzjoni u l-iżvilupp tal-proġetti ta' investiment u jaġixxi bħala ċentru uniku ta' konsulenza teknika (inklużi kwistjonijiet legali) għall-finanzjament ta' proġetti fl-UE. Dan ikun jinkludi appoġġ dwar l-użu tal-assistenza teknika għall-istrutturar ta' proġetti, l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi, u l-użu ta' sħubiji pubbliċi-privati.

*3.2. L-għoti ta' Garanzija tal-UE u l-Istabbiliment ta' Fond ta' Garanzija tal-UE (l-Artikoli 4-8)*

L-Artikolu 4 tal-proposta joħloq garanzija inizjali tal-UE ta' EUR 16-il biljun għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment. B'konformità mal-Artikolu 5, dawk l-operazzjonijiet jeħtieġ isostnu l-iżvilupp tal-infrastruttura; jew investiment fl-edukazzjoni, is-saħħa, ir-riċerka, l-iżvilupp, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-innovazzjoni; jew l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija; jew proġetti ta' infrastruttura fl-oqsma tar-riżorsi naturali, l-iżvilupp urban u l-qasam soċjali; jew SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja inkluż billi jiġi pprovdut finanzjament tar-riskju għall-kapital operatorju. Is-sostenn jista' jiġi pprovdut direttament mill-BEI jew permezz tal-Fond Ewropew tal-Investiment. Dawk l-istituzzjonijiet se jipprovdu finanzjament bi grad għoli ta' assorbiment tar-riskju finanzjarju (ekwità, kważi ekwità, eċċ) biex b'hekk jippermetti l-investiment parallel ta' investituri mis-settur privat.

Sabiex ikun żgurat li l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE ssir kif suppost anke jekk il-garanzija tissejjaħ, l-Artikolu 8 jistabbilixxi fond ta' garanzija (il-Fond). L-esperjenza dwar in-natura tal-investimenti li għandhom jiġu appoġġati mill-FEIS tindika li proporzjon ta' 50 % bejn il-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni u l-obbligi ta' garanzija totali tal-Unjoni jkunu adegwati. Fl-istatiċità, din il-mira ta' 50 % se tiġi ssodisfata mill-baġit tal-UE, mill-ammonti dovuti lill-Unjoni mill-investimenti, minn ammonti riċevuti minn kredituri inadempjenti u mir-redditi fuq ir-riżorsi tal-fondi ta' garanzija investiti. Madankollu, għal perjodu inizjali, se jiġu pprovduti EUR 89 biljun permezz ta' pagamenti mill-baġit biss. Mill-2016 'l hinn, dawn il-pagamenti mill-baġit gradwalment se jibnu d-dotazzjoni tal-Fond u sal-2020 għandhom jilħqu total akkumulat tal-EUR 8 biljun. Minkejja dan, għandu jkun hemm sejħiet fuq il-garanzija tal-UE, huwa xieraq li s-sorsi alternattivi tal-fond ta' garanzija jkunu kkunsidrati wkoll fil-kalkolu tal-livel mira sabiex jiġi limitat l-impatt potenzjali fuq il-baġit tal-UE. Din il-konsiderazzjoni fil-kalkolu se tkun limitata għall-ammont tal-garanzija tal-UE li tkun issejħet.

Sabiex tipprovdi kosteffiċjenza massima, il-Kummissjoni jkollha r-responsabbiltà li tinvesti dawk ir-riżorsi. Barra minn hekk, wara l-2018 il-Kummissjoni tkun awtorizzata, permezz ta' att delegat, li tbiddel l-ammont fil-mira tal-Fond b'10 %. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni li tibni fuq l-esperjenza prattika li akkwistat u ma jippermettix ħela bla bżonn ta' baġit, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni kontinwa tiegħu.

bl-eċċezzjoni ta' telf possibbli fuq l-ekwità, fejn il-BEI jista' jiddeċiedi li jagħmel talba għal garanzija immedjata, it-talbiet għal garanzija għandhom iseħħu darba fis-sena biss wara li l-profitti u t-telf kollha li jirriżultaw minn operazzjonijiet pendenti jkunu nġiebu għall-valur nett.

Jekk il-garanzija tissejjaħ, il-volum tal-garanzija jitnaqqas għal taħt dak oriġinali ta' EUR 16-il biljun. Madankollu, dħul futur dovut lill-Unjoni minn attivitajiet tal-FEIS għandu jitħalla jdaħħal mill-ġdid il-garanzija tal-UE sa dan l-ammont oriġinali.

*3.3. Tiġi stabbilita Sensiela tal-Proġetti ta' Investiment Ewropej (l-Artikolu 9)*

Kif sikwit irrimarkaw il-partijiet konċernati, ostakolu għal livelli akbar ta' investiment fl-UE huwa n-nuqqas ta' għarfien dwar proġetti li jinsabu għaddejjin jew futuri fl-Unjoni. Flimkien max-xogħol tal-FEIS il-proposta tipprevedi wkoll il-ħolqien ta' sensiela ta' proġetti ta' investiment Ewropej bħala mezz biex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar proġetti potenzjali tkun trasparenti u disponibbli għall-investituri.

*3.4. Rappurtar, Obbligu ta' Rendikont, Evalwazzjoni u Analiżi tal-Operazzjonijiet tal-FEIS (l-Artikoli 10-12)*

Minħabba l-użu tal-garanzija tal-UE mill-BEI, huwa xieraq li l-BEI jirrapporta fuq bażi regolari lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet imwettqa koperti mill-garanzija tal-UE.

L-Artikolu 12 jistipula għadd ta' evalwazzjonijiet regolari mill-BEI u l-Kummissjoni biex jiżguraw li FEIS, il-garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija jkunu qed jiġu utilizzati kif suppost. Ir-responsabbiltà lil-Parlament Ewropew hija ta' importanza partikolari f'dan il-kuntest.

*3.5. Dispożizzjonijiet Ġenerali (l-Artikoli 13-17)*

Huwa xieraq li jkunu applikabbli għadd ta' regoli ġenerali fil-kuntest tal-użu tal-garanzija tal-UE mill-BEI. L-Artikolu 13 jistabbilixxi li informazzjoni relatata mal-attivitajiet regolati mill-garanzija tal-UE tkun disponibbli għall-pubbliku. L-Artikolu 14 u l-Atikolu 15 jirrigwardaw il-kompetenzi tal-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF rispettivament, u l-Artikolu 16 jeskludi ċerti tipi ta' attivitajiet. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 17 jawtorizza lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sakont il-proċedura rilevanti.

*3.6. Emendi (l-Artikoli 18-19)*

L-Artikoli 18 u 19 jipprevedu r-riallokazzjoni tal-apporoprjazzjonijiet oeprazzjonali mill-Programm Orizzont 2020 (ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (UE) Nru 1316/2013).

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-garanzija tal-UE pprovdiet għal ammonti tal-FEIS sa EUR 16-il biljun u hija kompletament disponibbli mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Sabiex l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE ssir kif suppost minkejja sejħiet potenzjali għall-garanzija, sal-2020 jinħoloq u huwa previst fond ta' garanzija li jammonta għal 50 % tal-obbligi ta' garanzija totali tal-UE. Il-pagamenti fil-fond ta' garanzija se jammontaw għal EUR 500 miljun fl-2016, EUR 1 biljun fl-2017, EUR 2 biljuni fl-2018. Il-pagamenti fl-2019 u fl-2020 ta' EUR 2,5 biljuni kull wieħed se jiddependu fuq li l-ammont fil-mira tal-fond ta' garanzija jinżamm mhux mibdul fil-livell ta' 50 % wara l-2018. L-approprjazzjonijiet ta' impenn se jammontaw għal EUR 1,35 biljun fl-2015, EUR 2,03 biljun fl-2016, EUR 2,641biljun fl-2017 u EUR 1,979 biljun fl-2018. Il-finanzjament progressiv tal-fond ta’ garanzija ma għandux joħloq riskji għall-Baġit tal-UE matul l-ewwel snin, peress li s-sejħiet possibbli tal-garanzija relatati mat-telf imġarrab se jimmaterjalizzaw biss fl-andament taż-żmien.

Bħalma huwa l-każ fl-attivitajiet kurrenti tal-BEI, il-benefiċjarji se jintalbu jħallsu l-ispejjeż tal-operazzjonijiet tal-BEI taħt il-FEIS. L-użu tal-garanzija mill-BEI u l-investiment tar-riżorsi tal-fond ta' garanzija għandhom irendu dħul nett pożittiv. Id-dħul tal-FEIS se jinqasam

*pro rata* bejn il-kontributuri tal-kapaċità tal-ġarr tar-riskju. Jista' jintuża l-eċċess tad-dotazzjoni biex jirrestawra l-garanzija tal-UE għall-ammont oriġinali.

Madankollu, żewġ azzjonijiet se joħolqu kosti għall-BEI li għalihom il-benenfiċjarji ma jistgħux jintalbu jħallsu:

1. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Finanzjarja, maħluq b'konformità mal-Artikolu 2(2) ta' din il-proposta, se jkun primarjament iffinanzjat minn pakketti eżistenti għall-assistenza teknika tal-BEI taħt programmi eżistenti tal-UE (il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont 2020...). Madankollu, finanzjament addizzjonali sa massimu ta' EUR 20 miljun fis-sena (EUR 10 miljun fl-2015) jista' jkun meħtieġ u se jiġi bbaġitjat skont id-Dikjarazzjoni Finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta. Kwalunkwe kost potenzjali għas-sett ta' proġetti se jkun kopert ukoll.

2. [Il-BEI se jġarrab spejjeż amministrattivi biex iżid il-finanzjament tiegħu permezz tal-FEI għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Abbażi tas-suppożizzjonijiet kurrenti dwar it-tip ta' strumenti u r-rapidità tal-iffirmar għal operazzjonijiet ġodda, dan se jkun jeħtieġ li jitħallsu tariffi li jammontaw għal total akkumulat ta' EUR 105 miljun, li madwar EUR 48 miljun minnhom jitħallsu sal-2020. Minħabba l-possibbiltà ta' pagament pospost – sakemm id-dħul riċevut ikun jista' jintuża għal dan il-għan – dawn il-pagamenti għad mhumiex ibbaġitjati iżda huma biss deskritti fl-anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja.

L-ispejjeż għall-BEI li ma jkunux ġew irkuprati mingħand il-benefiċjarji jew imnaqqsa mir-remunerazzjoni tal-garanzija mogħtija mill-UE jistgħu jiġu rkuprati mill-garanzija tal-UE, f'limitu kumulattiv li jikkorrispondi għal 1 % tal-ammont pendenti tagħha.

L-approprjazzjonijiet operattivi meħtieġa minn din il-proposta jridu jiġu kompletament iffinanzjati fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. EUR 6 biljun għandhom jiġu allokati fl-intestatura 1A, EUR 2,11 biljun se jiġu ffinanzjati permezz tal-użu tal-Marġini Mhux Allokat inkluż il-Marġini Globali għall-Impenji. Filwaqt li l-finanzjament permezz ta' għotja mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u Orizzont 2020 se jonqos, l-effett multiplikatur iġġenerat mill-FEIS se jippermetti għal żieda ġenerali sinifikanti ta' investiment fl-oqsma ta' politika koperti miż-żewġ programmi eżistenti.

## 5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Il-pakkett finanzjarju ta' din il-proposta ma jinkludix espliċitament il-kontibuzzjonijiet mill-Istati Membri jew minn partijiet terzi għal xi struttura li joħloq. Madankollu, l-Artikolu 1(2) espliċitament jippermetti lill-partijiet interessati jingħaqdu mal-ftehim tal-FEIS permezz ta' kontribuzzjonijiet kapitali mal-Fond.

Jekk Stati Membri jiddeċiedu li jagħmlu kontribuzzjonijiet lill-FEIS, il-Kummissjoni indikat li se tieħu poizzjoni favorevoli lejn tali kontribuzzjonijiet fil-kuntest tal-valutazzjoni tagħha tal-finanzi pubbliċi skont l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (KE) Nru 1467/1997. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ("Nagħmlu l-aħjar użu tal-flessibbiltà fl-ambitu tar-regoli eżistenti dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir") tat-13 ta' Jannar 2015 jistipula l-kunsiderazzjonijiet speċifiċi applikabbli f'dan ix-xenarju.

2015/0009 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 172, 173, u l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 182(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni,

B'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-kriżi ekonomika u finanzjarja wasslet biex jitbaxxa l-livell tal-investimenti fl-Unjoni. L-investiment naqas b'madwar 15 % minn meta laħaq il-massimu tiegħu fl-2007. L-Unjoni tbati b'mod partikolari minn nuqqas ta' investiment bħala konsegwenza tal-inċertezza tas-suq rigward il-futur ekonomiku u l-limiti fiskali fuq l-Istati Membri. Dan in-nuqqas ta' investiment idewwem l-irkupru ekonomiku u għandu impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi, il-prospetti ta' tkabbir fit-terminu twil u l-kompetittività.

(2) Hija meħtieġa azzjoni komprensiva biex jitreġġa' lura ċ-ċirku vizzjuż li ħoloq in-nuqqas ta' investiment. Riformi strutturali u responsabbiltà fiskali huma prekundizzjonijiet neċessarji biex jiġi stimulat l-invetiment. Flimkien ma' impetu mġedded għall-finanzjament tal-investiment, dawn il-prekundizzjonijiet jistgħu jagħtu kontribut biex jiġi stabbilit ċirku virtuż, fejn proġetti ta' investiment jgħinu biex jagħtu appoġġ lill-impjiegi u lid-domanda u jwasslu għal żieda sostenibbli fil-potenzjal tat-tkabbir.

(3) Il-G20, permezz tal-Inizjattiva għall-Infrastruttura Globali, irrikonoxxa l-importanza tal-investiment biex tingħata spinta lid-domanda u jiżdiedu l-produttività u t-tkabbir u ħa l-impenn li joħloq klima li tiffaċilita livelli ogħla ta' investiment.

(4) Matul il-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-Unjoni għamlet sforzi biex tippromwovi t-tkabbir, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020 li stabbilew approċċ għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Il-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") saħħaħ ukoll ir-rwol tiegħu biex iħajjar u jippromwovi l-

investiment fl-Unjoni, in parti permezz ta' żieda fil-kapital f'Jannar 2013. Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet tal-investiment tal-Unjoni jiġu indirizzati u li l-likwidità disponibbli fis-suq tintuża b'mod effiċjenti u tiġi indirizzata lejn il-finanzjament ta' proġetti ta' investiment vijabbli.

(5) Fil-15 ta' Lulju 2014, il-President elett tal-Kummissjoni Ewropea ta' dak iż-żmien ippreżenta sett ta' Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew. Dawn il-Linji Gwida sejħu għall-mobilizzazzjoni ta' "sa EUR 300 biljun f'investiment pubbliku u privat addizzjonali fl-ekonomija reali matul it-tliet snin li ġejjin" biex jiġi stimulat l-investiment bil-għan li jinħolqu l-impjiegi.

(6) Fis-26 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni bit-titolu "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa"[1] li jipprevedi il-ħolqien ta' Fond Ewropew għall-Investmenti Strateġiċi ("FEIS"), sensiela trasparenti ta' proġetti ta' investiment fil-livell Ewropew, il-ħolqien ta' ċentru ta' konsulenza (Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Finanzjarja – European Investment Advisory Hub - EIAH ) u aġenda ambizzjuża biex jitneħħew l-ostakoli għall-investiment u jiġi kkompletat is-Suq Uniku.

(7) Fit-18 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li "t-trawwim tal-investiment u l-indirizzar tal-falliment tas-suq fl-Ewropa huma sfidi politiċi ewlenin" u li "l-fokus il-ġdid fuq l-investiment, flimkien mal-impenn tal-Istati Membri biex jintensifikaw ir-riformi strutturali u biex ifittxu konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir, ser jipprovdi l-bażi għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa u jappella għall-istabbiliment ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) fil-Grupp tal-BEI bil-għan li jiġu mobilizzati EUR 315-il biljun f'investimenti ġodda bejn l-2015 u l-2017".

(8) Il-FEIS huwa parti minn approċċ komprensiv sabiex jindirizza l-inċertezza rigward l-investimenti pubbliċi u privati. L-istrateġija għandha tliet pilastri ewlenin: l-immobilizzar tal-finanzjament għall-investiment, li l-investimenti jitwasslu fl-ekonomija reali u li jitjieb l-ambjent tal-investimenti fl-Unjoni.

(9) L-ambjent tal-investiment fl-Unjoni għandu jitjieb billi jitneħħew l-ostakoli għall-investiment, jissaħħaħ is-Suq Uniku u titjieb il-prevedibbiltà regolatorja. Ix-xogħol tal-FEIS, u l-investimenti madwar l-Ewropa ġeneralment għandhom jibbenefikaw minn dan ix-xogħol ta' akkumpanjament.

(10) L-għan tal-FEIS għandu jkun li jgħin biex jissolvew id-diffikultajiet fil-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' investimenti produttivi fl-Unjoni u jiżgura li jkun hemm aktar aċċess għall-finanzjament. Huwa maħsub li aċċess akbar għall-finanzjament għandu jkun ta' benefiċċju partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Huwa wkoll xieraq li l-benefiċċju ta' tali aċċess akbar jiġi estiż għall-finanzjament ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, li huma kumpaniji li għandhom sa 3000 impjegat. Jekk jingħelbu d-diffikultajiet kurrenti fl-Ewropa rigward l-investiment għandu jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni.

(11) Il-FEIS għandu jappoġġa investimenti strateġiċi b'valur miżjud ekonomiku għoli li jagħti kontribut biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni.

[1] Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment bit-titolu "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa". COM(2014) 903 finali

(12) Ħafna intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kif ukoll kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, madwar l-Unjoni għandhom bżonn ta' għajnuna biex jattiraw finanzjament tas-suq l-aktar rigward investimenti li jġorru grad ogħla ta' riskju. Il-FEIS għandu jgħin lil dawn in-negozji biex jegħlbu n-nuqqas ta' kapital billi jippermetti lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) biex jipprovdu injezzjonijiet ta' ekwità diretti jew indiretti, kif ukoll jipprovdu garanziji għal self ta' titolizzazzjoni ta' kwalità għolja, u prodotti oħra li huma mogħtija fis-segiwtu tal-objettivi tal-FEIS.

(13) Il-FEIS għandu jiġi stabbilit fil-BEI sabiex jibbenefika mill-esperjenza u r-rekord tajjeb tiegħu u sabiex l-operazzjonijiet tiegħu jibda jkollhom impatt pożittiv malajr kemm jista' jkun. Ix-xogħol tal-FEIS dwar il-provvediment ta' finanzjament għal intrapriża żgħar u ta' daqs medju u ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja għandu jiġi indirizzat permezz tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) sabiex jibbenefika mill-esperjenza tiegħu f'dawn l-attivitajiet.

(14) Il-FEIS għandu jimmira lejn dawk il-proġetti li għandhom valur soċjali u ekonomiku għoli. B'mod partikolari, il-FEIS għandu jimmira lejn proġetti li jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir fit-terminu twil u l-kompetittività. Il-FEIS għandu jappoġġa firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji, inkluż l-ekwità, id-dejn jew il-garanziji, li l-aħjar jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-proġett individwali. Din il-firxa wiesgħa ta' prodotti għandha tippermetti lill-FEIS jadatta għall-bżonnijiet tas-suq filwaqt li jinkoraġġixxi l-investiment privat fil-proġetti. Il-FEIS ma għandux ikun sostitut għall-finanzjament tas-suq privat iżda għandu minflok ikun katalist tal-finanzi tas-suq billi jindirizza l-fallimenti tas-suq sabiex jiżgura l-aktar użu effikaċi u strateġiku tal-fondi pubbliċi. Ir-rekwiżit għal konsistenza mal-prinċipji tal-għajnuna mill-Istat għandu jagħti kontribut għal tali użu effikaċi u strateġiku.

(15) Il-FEIS għandu jimmira proġetti li għandhom profil tar-riskji u l-gwadanji ogħla minn strumenti eżistenti tal-BEI u tal-Unjoni sabiex jiżgura addizzjonalità fuq operazzjonijiet eżistenti. Il-FEIS għandu jiffinanzja proġetti madwar l-Unjoni, inkluż fil-pajjiżi bl-aktar impatt tal-kriżi finanzjarja. Il-FEIS għandu jintuża biss meta ma jkunx disponibbli finanzjament minn sorsi oħra fuq termini raġonevoli.

(16) Il-FEIS għandu jimmira lejn investimenti li huma mistennija li jkunu vijabbli ekonomikament u teknikament, li jistgħu jirrikjedu grad ta' riskju xieraq, filwaqt li xorta waħda jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-finanzjament tal-FEIS.

(17) Id-deċiżjonijiet dwar l-użu tas-sostenn tal-FEIS għall-infrastruttura u l-proġetti akbar b'kapitalizzazzjoni medja għandhom isiru minn Kumitat tal-Investiment. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jkun magħmul minn esperti indipendenti li jkollhom għarfien u esperjenza fl-oqsma tal-proġetti ta' investiment. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jkun responsabbli lejn Bord ta' Tmexxija tal-FEIS li għandu jissorvelja t-twettiq tal-objettivi tal-FEIS. Sabiex jibbenefika b'mod effikaċi mill-esperjenza tal-FEI, il-FEIS għandu jappoġġa l-finanzjament lill-FEI biex il-FEI ikun jista' jidħol għal proġetti individwali fl-oqsma tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

(18) L-Unjoni għandha tipprovdi garanzija għall-ammont ta' EUR 16 000 000 000 sabiex il-FEIS ikun jista' jappoġġa l-investimenti. Meta tiġi pprovduta fuq bażi ta' portafoll, il-kopertura tal-garanzija għandha tkun limitata skont it-tip ta' strument, bħal dejn, ekwità jew garanziji, bħala perċentwal tal-volum tal-portafoll ta' impenji pendenti. Huwa mistenni li meta l-garanzija tkun ikkombinata ma' EUR 5 000 000 000 li

għandhom jiġu pprovduti mill-BEI, is-sostenn tal-FEIS għandu jiġġenera EUR 60 800 000 000 f'investiment addizzjonali mill-BEI u l-FEI. Dawn is-EUR 60 800 000 000 appoġġati mill-FEIS huma mistennija jiġġeneraw total ta' EUR 315 000 000 000 f'investiment fl-Unjoni fil-perjodu mill-2015 sal-2017. Bħala sostenn għal operazzjonijiet ġodda hemm disponibbli garanziji li huma marbuta ma' proġetti li jintemmu mingħajr talba għal garanzija.

(19) Sabiex ikun hemm aktar żidiet fir-riżorsi tiegħu, il-parteċipazzjoni fil-FEIS għandha tkun miftuħa għal partijiet terzi, inklużi l-Istati Membri, banek promozzjonali nazzjonali jew aġenziji pubbliċi bi sjieda jew kontroll tal-Istati Membri, entitajiet mis-settur privat u entitajiet barra mill-Unjoni soġġett għall-kunsens mill-kontributuri eżistenti. Partijiet terzi jistgħu jikkontribwixxu b'mod dirett lill-FEIS jew jieħdu sehem fl-istruttura ta' governanza tal-FEIS.

(20) Fil-livell tal-proġetti, partijiet terzi jistgħu jikkofinanzjaw flimkien mal-FEIS fuq il-bażi ta' proġetti individwali jew ta' pjattaformi ta' investiment relatati ma' setturi speċifiċi ġeografiċi jew tematiċi.

(21) Sakemm il-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu ssodisfati kollha, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' proġetti eliġibbli li għandom is-sostenn tal-garanzija tal-UE. Il-flessibbiltà ta' dan l-approċċ għandha timmassimizza l-potenzjal li tattira investituri lejn l-oqsma ta' investiment fil-mira tal-FEIS.

(22) Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, investimenti ta' infrastruttura u proġetti li għandhom l-appoġġ tal-FEIS għandhom ikunu konsistenti mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ħabbret li se tifformula sett ta' prinċipji ewlenin, għall-fini ta' valutazzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat, li proġett ikollu jissodisfa sabiex ikun eliġibbli għal sostenn mill-FEIS. Jekk proġett jissodisfa dawn il-kriterji u jirċievi sostenn mill-FEIS, il-Kummissjoni ħabbret li kwalunkwe sostenn komplimentari nazzjonali, se jiġi vvalutat skont valutazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat issimplifikata u aċċellerata li permezz tagħha l-unika kwistjoni addizzjonali li tkun trid tiġi vverifikata mill-Kummissjoni hija l-proporzjonalità tas-sostenn pubbliku (nuqqas ta' kumpens żejjed). Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li se tipprovdi gwida ulterjuri dwar is-sett ta' prinċipji ewlenin bil-għan li tiżgura użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi.

(23) Minħabba l-ħtieġa għal azzjoni urġenti fl-Unjoni, il-BEI u l-FEI setgħu ffinanzjaw proġetti addizzjonali, barra mill-profil normali tagħhom, matul l-2015 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi massimizzat il-benefiċċju tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, għandu jkun possibbli li tali proġetti addizzjonali jkunu inklużi fl-ambitu tal-kopertura tal-garanzija tal-UE fil-każ li jkunu jissodisfaw il-kriterji sostantivi stipulati f'dan ir-Regolament.

(24) L-operazzjonijiet ta’ finanzjament u investiment tal-BEI għandhom ikomplu jiġu ġestiti skont ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi l-miżuri ta’ kontroll xierqa u miżuri mittieħda biex tiġi evitata l-evażjoni fiskali, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri, inkluż il-ftehim Tripartitiku bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri u l-Bank Ewropew tal-Investiment.

(25) Il-BEI għandu regolarment jevalwa l-attivitajiet appoġġati mill-FEIS bil-għan li jivvaluta r-relevanza, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom u jidentifika aspetti li jistgħu jtejbu attivitajiet futuri. Tali evalwazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għall-obbligu ta' rendikont u l-analiżi tas-sostenibbiltà.

(26) B'mod parallel mal-operazjjonijiet ta' finanzjament se jitmexxa permezz tal-FEIS, għandu jinħoloq Ċentru Ewropew ta' Konsulenza Finanzjarja (EIAH). Il-FEIS għandu jipprovdi appoġġ imsaħħaħ għall-iżvilupp u t-tħejjija ta' proġetti madwar l-Unjoni, billi jibni fuq il-kompetenzi tal-Kummissjoni, il-BEI, il-banek promozzjonali nazzjonali u l-awtorità maniġerjali tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Dan għandu jistabbilixxi punt uniku ta' dħul għal mistoqsijiet li jirrigwardaw l-assistenza teknika għal investimenti fl-Unjoni.

(27) Sabiex ikunu koperti r-riskji relatati mal-garanzija tal-UE lill-BEI, għandu jiġi stabbilit fond ta' garanzija. Il-fond ta' garanzija għandu jkun kostitwit minn pagament gradwali mill-baġit tal-Unjoni. Il-fond ta' garanzija għandu sussegwentement jirċievi wkoll dħul u ripagamenti minn proġetti li jibbenefikaw minn sostenn tal-FEIS u minn ammonti rkuprati minn debituri f'kontumaċja fejn il-fond ta' garanzija jkun diġà onora l-garanzija lill-BEI.

(28) Il-fond ta' garanzija huwa maħsub li jipprovdi bafer ta' likwidità għall-baġit tal-Unjoni kontra telf imġarrab mill-FEIS fil-segwitu tal-objettivi tiegħu. L-esperjenza dwar in-natura tal-investimenti li għandhom jiġu appoġġati mill-FEIS tindika li proporzjon ta' 50 % bejn il-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni u l-obbligi ta' garanzija totali tal-Unjoni ikunu adegwati.

(29) Sabiex jiffinanzjaw b'mod parzjali l-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni, il-pakketti disponibbli tal-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2014-2020, previsti mir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], u tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, previsti mir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], għandhom jitnaqqsu. Dawk il-programmi jaqdu għanijiet li mhumiex replikati mill-FEIS. Madankollu, it-tnaqqis taż-żewġ programmi biex jiġi ffinanzjat il-fond ta' garanzija huwa mistenni li jiżgura investiment akbar f'ċerti oqsma tal-mandati rispettivi tagħhom milli jkun possibbli permezz tal-programmi eżistenti tagħhom. Il-FEIS għandu jkun kapaċi jingrana l-garanzija tal-UE sabiex jimmultiplika l-effett finanzjarju f'dawk l-oqsma ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni u trasport, telekomunikazzjonijiet u infrastruttura tal-enerġija mqabbla magħhom jekk ir-riżorsi jkunu ntefqu permezz ta' għotjiet fil-programmi ppjanati ta' Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Għaldaqstant, huwa xieraq li parti mill-finanzjament li huwa previst bħalissa għal dawk il-programmi jiġi reindirizzat għall-benefiċċju tal-FEIS.

---

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

(30) Minħabba n-natura tal-kostituzzjoni tagħhom, la l-garanzija tal-BEI u lanqas il-fond ta' garanzija ma huma "strumenti finanzjarji" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

(31) Fl-Unjoni, hemm għadd sinifikanti ta' proġetti potenzjalment vijabbli li mhumiex qed jiġu ffinanzjati minħabba nuqqas ta' ċertezza u trasparenza rigward tali proġetti. Ħafna drabi, dan huwa minħabba li investituri privati mhumiex konxji tal-proġetti jew ma għandhomx informazzjoni biżżejjed biex jagħmlu valutazzjoni tar-riskji tal-investiment. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ mill-Istati Membri, għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' sett ta' proġetti ta' investiment trasparenti kurrenti u futuri fl-Unjoni li huma adattati għall-investiment. Dan is-"sett ta' proġetti" għandu jiżgura li l-informazzjoni rigward proġetti ta' investiment tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi regolari u strutturat sabiex ikun żgurat li l-investituri jkollhom informazzjoni affidabbli li fuqha jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom.

(32) L-Istati Membri bdew wkoll ħidma fil-livell nazzjonali dwar l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' settijiet ta' proġetti għal proġetti ta' importanza nazzjonali. L-informazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni u mill-BEI għandha tipprovdi rabtiet mas-settijiet ta' proġetti nazzjonali li jakkumpanjaw.

(33) Minkejja li l-proġetti identifikati fis-sett ta' proġetti jistgħu jintużaw mill-BEI fl-identifikazzjoni u l-għażla tal-proġetti appoġġati mill-FEIS, is-sett ta' proġetti għandu jkun aktar wiesa' fl-ambitu ta' identifikazzjoni ta' proġetti madwar l-Unjoni. Dan l-ambitu jinkludi proġetti li huma kapaċi jiġu ffinanzjati kompletament mis-settur privat jew bl-assistenza ta' strumenti oħra disponibbli fil-livell Ewropew jew nazzjonali. Il-FEIS għandu jkun jista' jappoġġa proġetti ta' finanzjament u investiment identifikati mis-sett ta' proġetti, iżda ma għandux ikun hemm awtomatiċità bejn l-inklużjoni fuq il-lista u l-aċċess għal sostenn tal-FEIS u l-FEIS jingħata bid-diskrezzjoni li jagħżel u jappoġġa proġetti li ma jkunux inklużi fil-lista.

(34) Sabiex ikun hemm l-obbligu ta' rendikont liċ-ċittadini Ewropej, il-BEI għandu b'mod regolari jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-FEIS.

(35) Sabiex tkun żgurata kopertura xierqa tal-obbligi tal-garanzija tal-UE u sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà kontinwata tal-garanzija tal-UE, għandha tingħata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aġġustament tal-ammonti li jridu jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jiġi emendat l-Anness I skont dan. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(36) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu appoġġati investimenti fl-Unjoni u li jiġi żgurat aktar aċċess għall-finanzjament lil kumpaniji li għandhom sa 3000 impjegat, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-disparitajiet fil-kapaċità fiskali tagħhom li jaġixxu iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti, jintlaħqu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

---

4 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

*Artikolu 1*
***Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi***

1. Il-Kummissjoni tikkonkludi ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) dwar l-istabbiliment ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi ("FEIS").

L-għan tal-FEIS ikun li jappoġġa investimenti fl-Unjoni u li jiżgura aktar aċċess għall-finanzjament lil kumpaniji li għandhom sa 3000 impjegat, b'attenzjoni partikolari fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, permezz tal-forniment ta' kapaċità tal-ġarr ta' riskju lill-BEI ("Ftehim tal-FEIS").

2. Il-Ftehim tal-FEIS ikun miftuħ għall-Istati Membri tal-adeżjoni. Bil-kundizzjoni li jkun hemm l-approvazzjoni ta' kontributuri eżistenti, il-Ftehim tal-FEIS ikun miftuħ ukoll għall-adeżjoni ta' partijiet terzi, inklużi l-banek promozzjonali nazzjonali jew l-aġenziji pubbliċi bi sjieda jew kontroll tal-Istati Membri, u l-entitajiet tas-settur privat.

*Artikolu 2*
***Termini tal-Ftehim dwar il-FEIS***

1. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jinkludi, b'mod partikolari, dan li ġej:

(a) dispożizzjonijiet li jirregolaw it-twaqqif ta' FEIS bħala faċilità ta' garanzija distinta, identifikabbli b'mod ċar u trasparenti u kont separat ġestit mill-BEI;

(b) l-ammont u t-termini tal-kontribuzzjoni finanzjarja li jiġu pprovduti mill-BEI permezz tal-FEIS;

(c) it-termini tal-finanzjament li jiġu pprovduti mill-BEI permezz tal-FEIS lill-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI");

(d) l-arranġamenti ta' governanza rigward il-FEIS, b'konformità mal-Artikolu 3 mingħajr ħsara għall-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment;

(e) regoli dettaljati dwar id-dispożizzjoni ta' garanzija tal-UE, skont l-Artikolu 7, inkluż il-kopertura limitata tal-portafolji ta' ċerti tipi ta' strumenti, talbiet għall-garanzija tal-UE, li – bl-eċċezzjoni ta' telf possibbli fuq l-ekwità - isiru biss darba fis-sena wara li l-profitti u t-telf mill-operazzjonijiet ikunu nġiebu għall-valur nett, u r-remunerazzjoni tagħha u r-rekwiżit li r-remunerazzjoni għat-teħid ta' riskju tkun allokata fost il-kontributuri fi proporzjon mas-sehem ta' riskju rispettiv tagħhom;

(f) dispożizzjonijiet u proċeduri relatati mal-irkupru tal-pretensjonijiet;

(g) rekwiżiti li jirregolaw l-użu tal-garanzija tal-UE, inkluż bi skadenzi speċifiċi u indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin;

(h) dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament meħtieġ għall-EIAH skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2;

(i) dispożizzjonijiet li jirregolaw il-mod kif partijiet terzi jistgħu jikkoinvestu mal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI bl-appoġġ tal-FEIS;

(j) il-modalitajiet tal-kopertura tal-garanzija tal-UE.

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi distinzjoni ċara bejn l-operazzjonijiet li jitwettqu bl-appoġġ tal-FEIS u operazzjonijiet oħrajn tal-BEI.

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li l-attivitajiet tal-FEIS imwettqa mill-FEI ikunu rregolati mill-korpi li jirregolaw il-FEI.

Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li r-remunerazzjoni attribwibbli lill-Unjoni minn operazzjonijiet li għandhom l-appoġġ tal-FEIS tkun ipprovduta wara li jitnaqqsu l-pagamenti dovuti għat-talbiet tal-garanzija tal-UE u, sussegwentement, il-kosti skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 u skont l-Artikolu 5(3).

2. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi l-ħolqien ta' Ċentru Ewropew għall-Konsulenza Finanzjarja ("EIAH") fil-BEI. L-EIAH ikollu bħala l-objettiv tiegħu li jibni fuq is-servizzi ta' konsulenza eżistenti tal-BEI u tal-Kummissjoni sabiex jipprovdi appoġġ ta' konsulenza għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' investiment u jaġixxi bħala ċentru uniku ta' konsulenza teknika għall-finanzjament ta' proġetti fl-Unjoni. Dan ikun jinkludi appoġġ dwar l-użu tal-assistenza teknika għall-istrutturar tal-proġetti, l-użu ta' sħubiji pubbliċi-privati u konsulenza, kif xieraq, dwar kwistjonijiet rilevanti ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

Biex jikseb dak l-objettiv, l-EIAH jagħmel użu mill-kompetenzi tal-BEI, tal-Kummissjoni, tal-banek promozzjonali nazzjonali u tal-awtoritajiet maniġerjali tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

L-EIAH ikun parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni sa massimu ta' EUR 20 000 000 kull sena matul il-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2020 għas-servizzi addizzjonali previsti mill-EIAH apparti l-assistenza teknika eżistenti tal-BEI. Għas-snin ta' wara l-2020 il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni tkun direttament marbuta mad-dizpożizzjonijiet inklużi fl-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri.

3. L-Istati Membri li jsiru partijiet għall-Ftehim tal-FEIS ikunu jistgħu jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom, b'mod partikolari, fil-forma ta' flus jew ta' garanzija aċċettabbli għall-BEI. Partijiet terzi oħra jkunu jistgħu jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom fi flus biss.

*Artikolu 3*

***Governanza tal-FEIS***

1. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li l-FEIS ikun irregolat minn Bord ta' Tmexxija, li jiddetermina l-orjentazzjoni strateġika, l-allokazzjoni strateġika tal-assi u l-politiki u l-proċeduri operattivi, inkluż il-politika ta' investiment ta' proġetti li jista' jkollhom

is-sostenn tal-FEIS u l-profil ta' riskju tal-FEIS, b'konformità mal-objettivi fl-ambitu tal-Artikolu 5(2). Il-Bord ta' Tmexxija jeleġġi wieħed mill-membri tiegħu biex ikun President tal-Bord.

2. Sakemm l-uniċi kontributuri għall-FEIS ikunu l-Unjoni u l-BEI, l-għadd ta' membri u voti fil-Bord ta' Tmexxija jkun allokat abbażi tad-daqs rispettiv tal-kontribuzzjonijiet fil-forma ta' flus jew garanziji.

Il-Bord ta' Tmexxija jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' kunsens.

3. Meta partijiet oħra jaċċedu għall-Ftehim tal-FEIS skont l-Artikolu 1(2), l-għadd ta' membri u voti fil-Bord ta' Tmexxija jkun allokat abbażi tad-daqs rispettiv tal-kontribuzzjonijiet mill-kontributuri fil-forma ta' flus jew garanziji. L-għadd ta' membri u voti tal-Kummissjoni u l-BEI, skont il-paragrafu 2, jiġi rikalkulat skont dan.

Il-Bord ta' Tmexxija jfittex li jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' kunsens. Jekk il-Bord ta' Tmexxija ma jkunx jista' jiddeċiedi permezz ta' kunsens fi żmien skadenza stabbilita mill-President, il-Bord ta' Tmexxija jiddeċiedi abbażi ta' maġġoranza sempliċi.

Ebda deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija ma tiġi adottata jekk il-Kummissjoni jew il-BEI jivvotaw kontriha.

4. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li l-FEIS ikollu Direttur Amministrattiv, li jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-FEIS u għat-tħejjija u t-tmexxija tal-laqgħat tal-Kumitat tal-Investimenti msemmi fil-paragrafu 5. Id-Direttur Amministrattiv ikun assistit minn Deputat Direttur Amministrattiv.

Id-Direttur Amministrattiv jirrapporta kull tliet xhur dwar l-attivitajiet tal-FEIS lill-Bord ta' Tmexxija.

Id-Direttur Amministrattiv u d-Deputat Direttur Amminsitrattiv jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta konġunta tal-Kummissjoni u tal-BEI għal terminu fiss ta' tliet snin li jiġġedded.

5. Il-Ftehim tal-FEIS ikun jipprevedi li l-FEIS ikollu Kumitat tal-Investimenti, li jkun responsabbli biex jeżamina operazzjonijiet potenzjali skont il-politiki ta' investiment tal-FEIS u japprova s-sostenn tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet skont l-Artikolu 5, irrispettivament mill-post fejn jinsabu.

Il-Kumitat tal-Investimenti ikun kompost minn sitt esperti indipendenti u d-Direttur Amministrattiv. L-esperti indipendenti jkollhom livell għoli ta' esperjenza rilevanti rigward is-suq fil-finanzjament tal-proġetti u jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija għal perjodu fiss ta' tliet snin li jiġġedded.

Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Investiment jittieħdu b'maġġoranza sempliċi.

# KAPITOLU II - Il-Garanzija u l-Fond ta' Garanzija tal-UE

*Artikolu 4*
***Garanzija tal-UE***

L-Unjoni tipprovdi garanzija lill-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament jew investiment li jitwettqu fl-Unjoni li tkun koperta minn dan ir-Regolament ("Garanzija tal-UE"). Fr-rigward ta' strumenti msemmija fl-Artikolu 6 il-garanzija tal-UE tingħata bħala garanzija fuq talba.

*Artikolu 5*
***Rekwiżiti għall-użu tal-garanzija tal-UE***

1. L-għoti ta' garanzija tal-UE jkun suġġett għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-FEIS.

2. Il-garanzija tal-UE tingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI li jkunu approvati mill-Kumitat tal-Investiment imsemmi fl-Artikolu 3(5) jew finanzjament lill-FEI sabiex iwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-FEI skont l-Artikolu 7(2). L-operazzjonijiet ikkonċernati jkunu konsistenti mal-politiki tal-Unjoni u jkunu jappoġġaw kwalunkwe wieħed mill-objettivi ġenerali li ġejjin:

   (a) l-iżvilupp tal-infrastruttura, inkluż fl-oqsma tat-trasport, b'mod partikolari fiċ-ċentri industrijali; l-enerġija, b'mod partikolari l-interkonnessjonijiet tal-enerġija; u l-infrastruttura diġitali;

   (b) l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa, ir-riċerka, l-iżvilupp, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-innovazzjoni;

   (c) l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija u r-riżorsi;

   (d) proġetti ta' infrastruttura fl-oqsma tar-riżorsi naturali, l-iżvilupp urban u l-qasam soċjali;

   (e) il-provvediment ta' sostenn finanzjarju lil kumpaniji msemmijin fl-Artikolu 1(1), inkluż il-finanzjament tar-riskju tal-kapital operatorju.

   Barra minn hekk, il-garanzija tal-UE tingħata għas-sostenn ta' pjattaformi dedikati ta' investiment u banek promozzjonali nazzjonali, permezz tal-BEI, li jinvestu f'operazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, il-Bord ta' Tmexxija jispeċifika l-politiki rigward il-pjattaformi ta' investiment li jkunu eliġibbli.

3. B'konformità mal-Artikolu 17 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment, il-benefiċjarji se jintalbu jħallsu l-operazzjonijiet tal-BEI biex ikopru l-ispejjeż relatati mal-FEIS. Mingħajr ħsara għas-subparagrafi 2 u 3, ebda nefqa amministrattiva jew kwalunkwe tariffa oħra tal-BEI għal attivitajiet ta' finanzjament u investiment immexxija mill-BEI skont dan ir-Regolament ma jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni.

   Il-BEI jista' jitlob il-garanzija tal-UE, skont l-Artikolu 2(1)(e), f'limitu massimu kumulat li jikkorrispondi għal 1 % tat-total pendenti tal-obbligi tal-garanzija tal-UE

biex ikopri l-ispejjeż li filwaqt li jkunu ġew iċċarġjati lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament, ma jkunux ġew irkuprati.

It-tariffi tal-BEI, jekk il-BEI jipprovdi finanzjament lill-FEI f'isem il-FEIS li huwa appoġġat mill-garanzija tal-UE skont l-Artikolu 7(2) jistgħu jiġu koperti mill-baġit tal-Unjoni.

4. Sakemm il-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu ssodisfati kollha, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' proġetti eliġibbli li jkun qed jinvesti fihom il-BEI bis-sostenn tal-garanzija tal-UE.

*Artikolu 6*

***Strumenti Eliġibbli***

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(2), il-BEI juża l-Garanzija tal-UE għall-kopertura tar-riskji għal strumenti bħala regola abbażi tal-portafoll.

Strumenti individwali eliġibbli għall-kopertura jew portafolji jistgħu jkunu magħmula minn dawn l-Istrumenti:

(a) self, garanziji, kontrogaranziji, strumenti tas-suq tal-kapital, jew kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew strument għat-tisħiħ fil-kreditu, investiment ta' ekwità jew kważi ekwità tal-BEI. Dawn l-Istrumenti jingħataw, jinkisbu jew jinħarġu għall-benefiċċju tal-operazzjonijiet li twettaq l-Unjoni, inkluż operazzjonijiet transfruntieri bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'konformità ma' dan ir-Regolament u fejn il-finanzjament tal-BEI ikun ingħata skont ftehim iffirmat li ma jkunx għadu skada jew ġie kkanċellat;

(b) Il-finanzjament tal-BEI lill-FEI li jippermettilu jidħol għal self, garanziji, kontrogaranziji, jew kwalunkwe forma oħra ta' strument ta' tisħiħ fil-kreditu, strumenti tas-suq tal-kapital jew investimenti ta’ ekwità jew kważi Dawn l-Istrumenti jingħataw, jinkisbu jew jinħarġu għall-benefiċċju tal-operazzjonijiet li twettaq l-Unjoni, b'konformità ma' dan ir-Regolament u fejn il-finanzjament tal-FEI ikun ingħata skont ftehim iffirmat li ma jkunx għadu skada jew ġie kkanċellat;

*Artikolu 7*

***Kopertura u kondizzjonijiet tal-garanzija tal-UE***

1. Il-garanzija tal-UE lill-BEI tkun għall-ammont ta' EUR 16 000 000 000, li minnhom ammont massimu ta' EUR 2 500 000 000 jista' jiġi allokat għall-finanzjament tal-BEI lill-FEI b'konformità mal-paragrafu 2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 8(9), il-pagamenti aggregati mill-Unjoni fl-ambitu tal-garanzija lill-BEI ma jaqbżux l-ammont tal-garanzija.

2. Il-kopertura tal-garanzija fuq tip partikolari ta' portafoll ta' strument, imsemmija fl-Artikolu 6, tiġi ddeterminata mir-riskju ta' dak il-portafoll. Il-garanzija tal-UE tkun eliġibbli biex tipprovdi jew garanziji tal-ewwel telf fuq il-bażi ta' portafoll jew garanzija sħiħa. Il-garanzija tal-UE tista' tingħata *pari passu* ma' kontributuri oħrajn.

Fejn il-BEI jipprovdi finanzjament lill-FEI sabiex dan iwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI, il-garanzija tal-UE tipprovdi għal garanzija sħiħa fuq il-finanzjament tal-BEI sakemm il-BEI jipprovdi ammont indaqs ta' finanzjament mingħajr garanzija tal-UE. L-ammont kopert mill-garanzija tal-UE ma jkunx jaqbeż iż-EUR 2 500 000 000.

3. Meta l-BEI jitlob il-garanzija tal-UE skont il-Ftehim tal-FEIS, l-Unjoni tħallas mat-talba skont it-termini tal-Ftehim.

4. Meta l-Unjoni tagħmel pagament fl-ambitu tal-garanzija tal-UE, il-BEI jsegwi l-irkupru tat-talbiet għall-ammonti mħallsa u jirrimborża lill-Unjoni mis-somom li jirkupra.

*Artikolu 8*

***Fond ta' garanzija tal-UE***

1. Fond ta' garanzija tal-UE ("fond ta' garanzija") jiġi stabbilit li minnu l-BEI jitħallas fil-każ ta' talba mill-garanzija tal-UE.

2. Il-fond ta' garanzija jiġi fornut minn:

(a) pagamenti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni,

(b) redditi fuq ir-riżorsi tal-fond ta' garanzija investiti,

(c) ammonti rkuprati minn debituri f'kontumaċja skont il-proċedura ta' rkupru stabbilita fil-Ftehim tal-FEIS kif previst fl-Artikolu 2(1)(f),

(d) kwalunkwe pagamenti oħra riċevuti mill-Unjoni skont il-Ftehim tal-FEIS.

3. Kontribuzzjonijiet lill-fond ta' garanzija previsti fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 2 ikunu jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) Nru 966/2012.

4. Ir-riżorsi tal-fond ta' garanzija previsti fil-paragrafu 2 ikunu ġestiti b'mod dirett mill-Kummissjoni u investiti skont il-prinċipju tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba u jsegwi regola prudenzjali xierqa.

5. Kontribuzzjonijiet għall-fond ta' garanzija msemmijin fil-paragrafu 2 jintużaw biex jintlaħaq livell xieraq li jirrifletti t-total tal-obbligi ta' garanzija tal-UE ("ammont fil-mira"). L-ammont fil-mira ikun stabbilit għal 50 % tal-obbligi ta' garanzija totali tal-UE.

L-ammont fil-mira jintlaħaq inizjalment permezz tal-ħlas gradwali ta' riżorsi msemmijin fil-paragrafu 2(a). Jekk ikun hemm talbiet għall-garanzija matul il-kostituzzjoni inizjali tal-fond ta' garanzija, il-kontribuzzjonijiet għall-fond ta' garanzija previsti fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2 iservu wkoll biex jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-ammont fil-mira sa ammont ugwali għat-talbiet fuq il-garanzija.

6. Sal-31 ta' Diċmbru 2018, u kull sena wara, il-Kummissjoni tagħmel analiżi tal-adegwatezza tal-livell tal-fond ta' garanzija billi tikkunsidra kwalunkwe tnaqqis tar-

riżorsi li jirriżulta mill-attivazzjoni tal-garanzija u mill-valutazzjoni tal-BEI ppreżentata skont l-Artikolu 10(3).

Il-Kummissjoni tkun awtorizzata li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 li jaġġusta l-ammont fil-mira previst fil-paragrafu 5 b'massimu ta' 10 % sabiex ikun jirrifletti aħjar ir-riskju potenzjali tal-garanzija tal-UE li tkun qed tintalab.

7. Wara li fis-sena *n* isir l-aġġustament tal-ammont fil-mira jew issir valutazzjoni dwar l-adegwatezza tal-livell tal-fond ta' garanzija skont l-analiżi prevista fil-paragrafu 6:

(a) kwalunkwe eċċess jitħallas fi tranżazzjoni waħda lil intestatura speċjali fid-dikjarazzjoni tad-dħul fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-sena *n*+1,

(b) kwalunkwe rikostituzzjoni tal-fond ta' garanzija titħallas fis-segment annwali fuq perjodu massimu ta' tliet snin li jibdew mis-sena *n*+1.

8. Mill-1 ta' Jannar 2019, jekk bħala riżultat tat-talbiet għall-garanzija, il-livell tal-fond ta' garanzija jaqa' taħt il-50 % tal-ammont fil-mira, il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar x'miżuri eċċezzjonali jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi rikostitwit.

9. Wara li ssir talba għall-garanzija tal-UE, id-dotazzjonijiet lill-garanzija previsti fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2 'il fuq mill-ammont fil-mira, jintużaw biex jirrikostitwixxu l-garanzija tal-UE sal-ammont inizjali tagħha.

# KAPITOLU III - Sett ta' proġetti ta' investiment Ewropej

*Artikolu 9*
***KAPITOLU III - Sett ta' proġetti ta' investiment Ewropej***

1. Il-Kummissjoni u l-BEI, bl-appoġġ mill-Istati Membri, jippromwovu l-ħolqien ta' sett ta' proġetti ta' investiment trasparenti kurrenti u potenzjalment futuri fl-Unjoni. Is-sett ta' proġetti huwa mingħajr ħsara għall-proġetti finali magħżula għal sostenn skont l-Artikolu 3(5).

2. Il-Kummissjoni u l-BEI jiżviluppaw, jaġġornaw u jqassmu, fuq bażi regolari u strutturata, informazzjoni dwar investimenti kurrenti u futuri li jagħtu kontribut sinifikanti biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika tal-UE.

3. L-Istati Membri jiżviluppaw, jaġġornaw u jqassmu, fuq bażi regolari u strutturata, informazzjoni dwar investiment kurrenti u futur fit-territorju tagħhom.

# KAPITOLU IV- Rappurtar, obbligu ta' rendikont u evalwazzjoni

*Artikolu 10*
***Rapportar u kontabilità***

1. Il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI, kif xieraq, jirrapporta kull sitt xhur lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport ikun jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni skont

l-Artikolu 2(1)(g). Ir-rapport ikun jinkludi wkoll dejta statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull operazzjoni ta' finanzjament u investiment tal-BEI u fuq bażi aggregata.

2. Barra minn hekk, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI kif xieraq, jirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI. Ir-rapport jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u jkun jinkludi:

(a) valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI fil-livell operattiv, settorjali u reġjonali u l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament, flimkien ma' valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI bejn l-objettivi fl-Artikolu 5(2);

(b) valutazzjoni tal-valur miżjud, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tas-settur privat, il-prestazzjonijiet stmati u reali, ir-riżultati u l-impatt tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI fuq bażi aggregata;

(c) valutazzjoni tal-benefiċċju finanzjarju ttrasferit lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq bażi aggregata;

(d) valutazzjoni tal-kwalità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI.

(e) informazzjoni dettaljata dwar talbiet għall-garanzija tal-UE;

(f) ir-rapporti finanzjarji tal-FEIS.

3. Għall-għanijiet ta' kontabilità u r-rapportar tal-Kummissjoni dwar ir-riskji koperti mill-garanzija tal-UE u l-ġestjoni tal-fond ta' garanzija, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI kif xieraq, kull sena jipprovdu lill-Kummissjoni:

(a) il-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni dwar il-gradazzjoni tal-BEI u tal-FEI fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI;

(b) l-obbligu finanzjarju pendenti għall-UE rigward il-garanziji pprovduti għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI disaggregati skont operazzjonijiet individwali;

(c) il-profitt jew telf totali li jirriżulta mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI fl-ambitu tal-portafolji pprovduti mill-Ftehim tal-FEIS skont l-Artikolu 2(1)(e).

4. Il-BEI jipprovdi lill-Kummissjoni fuq talba kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex il-Kummissjoni twettaq l-obbligi tagħha rigward dan ir-Regolament.

5. Il-BEI u l-FEI kif xieraq, jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 bi spejjeż tagħhom.

6. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena l-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-fond ta' garanzija u dwar il-ġestjoni tiegħu matul is-sena kalendarja preċedenti.

*Artikolu 11*
***Obbligu ta' rendikont***

1. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, id-direttur Amministrattiv jipparteċipa f'seduta ta' smigħ tal-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-FEIS.

2. Id-Direttur Amministrattiv iwieġeb bil-fomm jew bil-miktub għal mistoqsijiet indirizzati lill-FEIS mill-Parlament Ewropew, fi kwalunkwe każ fi żmien ħames ġimgħat minn meta tasal il-mistqosija.

3. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*
***Evalwazzjoni u Analiżi***

1. Mhux aktar tard minn [PO *jinserixxi d-data: 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* il-BEI jevalwa l-funzjonament tal-FEIS. Il-Kummissjoni tippreżenta l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

   Mhux aktar tard minn [PO *jinserixxi d-data: 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* il-Kummissjoni tevalwa l-fond ta' garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija, inkluż l-użu ta' dotazzjonijiet skont l-Artikolu 8(9). Il-Kummissjoni tippreżenta l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Sat 30 ta' Ġunju 2018 u kull tliet snin wara:

   (a) il-BEI jippubblika rapport komprensiv dwar il-funzjonament tal-FEIS;

   (b) il-Kummissjoni tippubblika rapport komprensiv dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u l-funzjonament tal-fond ta' garanzija.

3. Il-BEI, f'kooperazzjoni mal-FEI, kif xieraq, jikkontribwixxi u jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni u r-rapport tal-Kummissjoni skont il-paragrafi 1 u 2 rispettivament.

4. Il-BEI u l-FEI fuq bażi regolari jipprovdu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' evalwazzjoni kollha tagħhom li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi miksuba mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont dan ir-Regolament.

5. Mhux aktar tard minn [*PO jdaħħal id-data ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat bi proposti rilevanti.

# KAPITOLU V-Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 13*

***Trasparenza u divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni***

B'konformità mal-politiki tiegħu stess dwar it-trasparenza għall-aċċess ta' dokumenti u informazzjoni, il-BEI jippubblika fuq il-websajt tiegħu informazzjoni rigward l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment kollha tal-BEI u kif dawn jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali msemmijin fl-Artikolu 5(2).

*Artikolu 14*

***Il-verifika esterna tal-Qorti tal-Awdituri***

Il-garanzija tal-UE u l-ħlasijiet u l-irkupri fl-ambitu tagħha li jkunu attribwibbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ikunu vverifikati mill-Qorti tal-Awdituri.

*Artikolu 15*

***Miżuri kontra l-frodi***

1. Il-BEI jinnotifika lill-OLAF minnufih u jagħtih l-informazzjoni meħtieġa meta, fi kwalunkwe stadju tat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew l-għeluq tal-operazzjonijiet soġġetti għall-garanzija tal-UE, ikollu raġunijiet biex jissuspetta li jeżisti każ potenzjali ta’ frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew xi attività illegali oħra li tista' taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([5]), ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96([6]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95([7]) sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, ħasil ta' flus jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' kwalunkwe operazzjoni appoġġata mill-garanzija tal-UE. L-OLAF jista' jittrażmetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati l-informazzjoni li tinkiseb matul l-investigazzjonijiet.

   Fejn tali attivitajiet illegali jiġu ppruvati, il-BEI jidħol għal sforzi ta' rkupru fir-rigward tal-operazzjonijiet tiegħu li huma appoġġati mill-garanzija tal-UE.

3. Il-ftehimiet ta' finanzjament iffirmati rigward l-operazzjonijiet appoġġati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ikunu jinkludu klawsoli li jippermettu l-esklużjoni mill-

---

5 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta’ Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tal-BEI u, jekk hemm bżonn, miżuri ta' rkupru xierqa f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra b'konformità mal-Fethim tal-FEIS, il-politiki tal-BEI u rekwiżiti regolatorji applikabbli. Id-deċiżjoni dwar jekk tiġix applikata esklużjoni mill-operazzjoni ta' finanzjament u investiment tal-BEI tittieħed b'konformità mal-ftehim ta' finanzjament jew investiment rilevanti.

### *Artikolu 16*
### ***Attivitajiet esklużi u ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx***

1. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu, il-BEI ma jittollera l-ebda attività li titwettaq għal finijiet illegali, inkluż il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni, u l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod partikolari l-BEI ma jipparteċipax f'xi operazzjoni ta' finanzjament jew investiment permezz ta' veikolu li jkun jinsab f'ġuriżdizzjoni li ma tikkooperax, skont il-politiki tiegħu lejn ġuriżdizzjonijiet regolamentati b'mod dgħajfa jew li ma jikkooperawx abbażi ta' politiki tal-Unjoni, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp jew it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

2. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu, il-BEI japplika l-prinċipji u l-istandards stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż ir-rekwiżit li jittieħdu miżuri raġonevoli biex jiġu identifikati s-sidien li jibbenefikaw, fejn applikabbli.

### *Artikolu 17*
### ***Eżerċizzju tad-delega***

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(6) hija kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta’ setgħa tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8(6) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka ttemm id-delega ta’ setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din issir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fih. Din ma tkun taffettwa l-validità ta’ ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(6) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika

ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b’xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

# KAPITOLU VI - Emendi

*Artikolu 18*
***Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1291/2013***

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 huwa b’dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 huwa stabbilit għal EUR 74 328,3 miljun fil-prezzijiet attwali, li minnhom massimu ta' EUR 71 966,9 miljun ikunu allokati għal attivitajiet taħt it-Titolu XIX TFUE.

L-approprjazzjonijiet annwali jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.

2. L-ammont għall-attivitajiet taħt it-Titolu XIX TFUE jitqassam fost il-prijoritajiet stipulati fl-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament kif ġej:

(a) Xjenza eċċellenti, EUR 23 897,0 miljun fil-prezzijiet attwali;

(b) Tmexxija industrijali, EUR 16 430,5 miljun fil-prezzijiet attwali;

(c) Sfidi tas-soċjetà, EUR 28 560,7 miljun fil-prezzijiet attwali.

L-ammont kumplessiv massimu għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-Orizzont 2020 għall-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 5(3) u għall-azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-JRC ikunu kif ġej:

it-tixrid tal-eċċellenza u ż-żieda fil-parteċipazzjoni, EUR 782,3 miljun fil-prezzijiet attwali;

Xjenza ma' u għas-soċjetà, EUR 443,8 miljun fil-prezzijiet attwali;

Azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-JRC, EUR 1 852,6 miljun fil-prezzijiet attwali.

It-tqassim indikattiv għall-prijoritajiet u l-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 5(2) u (3) huwa stipulat fl-Anness II.

3. L-EIT jiġi ffinanzjat permezz ta’ kontribuzzjoni massima mill-Orizzont 2020 ta’ EUR 2 361,4 miljun fil-prezzijiet attwali kif stipulat fl-Anness II.

(2) L-Anness II jinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*
***Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013***

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, il-paragrafu 1 jinbidel b’dan li ġej:

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FNE għall-perjodu 2014 sa 2020 hu stabbilit għal EUR 29 942 259 000 (*) fil-prezzijiet attwali. L-ammont jitqassam kif ġej:

(a) is-settur tat-trasport EUR 23 550 582 000, li minnhom EUR 11 305 500 000 jiġu ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu f'konformità ma' dan ir-Regolament esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni;

(b) is-settur tat-telekomunikazzjoni EUR 1 041 602 000;

(c) is-settur tal-enerġija EUR 5 350 075 000.

Dawn l-ammonti huma mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà previst fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013(*).

---

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-20 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

## Kapitolu V – Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

*Artikolu 20*
***Dispożizzjoni tranżitorja***

Operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment iffirmati mill-BEI jew il-FEI, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-FEIS, jistgħu jiġu ppreżentati mill-BEI jew il-FEI lill-Kummissjoni għal kopertura fl-ambitu tal-garanzija tal-UE.

Il-Kummissjoni tivvaluta dawn l-operazzjonijiet u, fejn ikunu konformi mar-rekwiżiti sostantivi stipulati fl-Artikolu 5 u fil-Ftehim dwar il-FEIS, tiddeċiedi li l-kopertura tal-garanzija tal-UE tkun testendi għalihom.

*Artikolu 21*
***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/metodi ta' mmaniġġjar previst(i)

## 2. MIŻURI TA' MANIĠMENT

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' maniġment u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

